KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**

**Laqgħa Annwali tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

**8 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 74**

**It-Tlieta 5 ta' Diċembru 2023**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-17:00.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sa Maria Mifsud | Kunsilliera |
| Is-Sur Simon Buttigieg | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Doriana Portelli | Kunsilliera |
| Is-Sur Johann Borg | Kunsillier |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Carlo Stivala | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Jordy Brincat | Segretarju Eżekuttiv |
| Is-Sa Doreen Mintoff | Accountant tal-Kunsill Lokali |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**

Ħadd

## 74.01 Qari tal-ittri t'apoloġija

**74.01.01** Il-Kunsillier Johann Borg bagħat ittra sabiex jiġi skużat mis-seduta tal-lum minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**74.01.02** Il-Kunsilliera Doriana Portelli bagħtet ittra sabiex tiġi skużata mis-seduta tal-lum minħabba raġunijiet ta' xogħol. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**74.01.03** Min-naħa tal-Kunsillier Carlo Stivala ma waslet l-ebda komunikazzjoni dwar is-seduta tal-lum. Is-Sindku Scott Camilleri qal li għadna qed nistennew direzzjoni min-naħa tad-Diviżjoni dwar il-pożizzjoni tal-kunsillier.

## 74.02 Introduzzjoni mis-Sindku Scott Camilleri

**74.02.01** Is-Sindku Scott Camilleri rringrazzja lil dawk li qed isegwu s-seduta b'mod virtwali. Hu tkellem dwar kemm hu importanti li l-estimi finanzjarji jkunu aġġornati skont l-esiġenzi tal-lokalità. Qal li matul is-sena 2024, se jkunu qed isiru l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali kollha madwar Malta u Għawdex. Il-Kunsill Lokali, kif inhu obbligat, irid iħejji l-pjan finanzjarju għas-sena li ġejja. Matul din is-sena se nkunu qed nagħlqu diversi proġetti u xogħlijiet li bdew fix-xhur li għaddew. Is-Sindku Scott Camilleri kompla billi semma li meta ġie elett dan il-Kunsill fl-2019, dan il-Kunsill sab diversi sfidi legali u amministrattivi li ried isolvi. Dan il-Kunsill kien ukoll affettwat, bħall-bqija, mill-pandemija u b'hekk ried isib modi kif ikompli jaqdi l-funzjoni tiegħu bl-aħjar mod permezz ta' sistemi virtwali u li xorta jibqa' viċin in-nies.

Is-Sindku Scott Camilleri kompla billi semma li matul din is-sena, il-Kunsill għaraf iż-żieda qawwija fil-popolazzjoni tal-lokalità u b'hekk ingaġġa 4 ħaddiema klerikali ġodda, flimkien ma' Segretarju Eżekuttiv fuq bażi full-time. Dawn kollha, flimkien mal-ħaddiema li ilhom diversi snin, qed jagħtu spinta qawwija fl-operat tal-Kunsill Lokali. Matul din is-sena l-Kunsill se jkun qed iżid foreman ingaġġat dirett magħna, billi l-foreman preżenti hu assenjat ma' RSSL u se jkun qed jirtira iżjed tard fl-2024. Il-Kunsill diġà beda bil-proċedura sabiex jingaġġa persuna teknika f'dan is-settur. L-onorarji, pagi, allowances, u konsulenti tekniċi fost oħrajn huma parti kbira mill-infiq li l-Kunsill ikun qed jagħmel estimu għas-sena 2024. Is-Sindku tkellem dwar l-ispiża tat-tenders, fejn is-sena d-dieħla se jkunu qed joħorġu tliet tenders oħra sabiex issa nkunu ġejna up to date mat-tenders kollha. Dawn it-tenders huma taż-żamma tal-latrini pubbliċi, soft areas, u tindif ta' toroq f'żoni mhux urbani. Dwar l-attivitajiet kulturali u soċjali, is-Sindku Scott Camilleri qal li matul din is-sena dawn żiedu fil-kwalità kif ukoll fl-ammont kbir t'attivitajiet li saru. Irrimarka li matul is-sena d-dieħla l-Kunsill hu kommess li jkompli jagħmel attivitajiet ta' kwalità. Is-Sindku temm id-diskors tiegħu billi qal li matul din is-sena se jingħalaq il-proġett ta' Ġnien il-Kunsill Lokali fiż-żona ta' Tal-Papa, u li jibda l-proġett tat-tisbiħ ta' Ġnien Profs. Anton Tabone, in-naħa ta' San Ġorġ.

## 74.03 Estimi Finanzjarji għas-sena 2024

**74.03.01** L-accountant tal-Kunsill Lokali Doreen Mintoff semmiet li l-pjan għal din is-sena hu li jingħalaq il-proġett ta' Ġnien il-Kunsill Lokali fl-inħawi ta' Tal-Papa, u jibda l-proġett tat-tisbiħ ta' Ġnien Profs. Anton Tabone, in-naħa ta' San Ġorġ. Dwar l-infiq

kapitali, il-Kunsill Lokali qed jalloka baġit ta' €640,992 u se jkun qed jirċievi €64,734 minn skemi/grants maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, u l-kumplament tal-fondi ġejjin mill-allokazzjoni tal-Kunsill, li rnexxielu jfaddal tul dawn l-aħħar snin. Il-Kunsill Lokali qed ibassar li matul is-sena 2024 se jkun qed idaħħal total ta' €947,821 mill-allokazzjoni tal-Gvern Ċentrali. Ma' dawn se jkun qed idaħħal €47,000 mill-ħlas amministrattiv fuq infurzar lokali, permessi, bye-laws, u dħul ieħor. Fejn jidħlu spejjeż, il-Kunsill Lokali qed ibassar li fuq salarji se jkun qed jonfoq madwar €331,241 hekk kif hemm iż-żidiet tal-għoli tal-ħajja, increments marbuta mal-impjegati, kif ukoll is-salarju tal-foreman. Il-Kunsill ukoll qed ibassar li se jkun qed joħroġ is-somma ta' €517,980 biex iżomm il-lokalità fi stat tajjeb u għal spejjeż ta' kuntratti. Spejjeż amministrattivi l-Kunsill se jkun qed jalloka €79,100 u l-ispiża tad-depreciation akkumulata hi ta' €168,212. L-ispiża totali hi stmata li tkun ta' €1,096,533. Se nkunu qed nispiċċaw b'defecit ta' €97,212. Però grazzi għall-għaqal tal-Kunsill, il-Kunsill se jkun qed juża mit-tfaddil li rnexxielu jfaddal fl-aħħar snin. Il-Kunsill Lokali se jibqa' f'pożizzjoni finanzjarja tajba hekk kif l-FSI mistenni jkun 45%.

**74.04 Mistoqsijiet mill-pubbliku**

**74.04.01** Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-pubbliku.

**74.05 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**74.05.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fil-17:30, wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha. Il-laqgħa li jmiss (75) se ssir nhar it-Tlieta 5 ta' Diċembru 2023, fis-18:00.

**Ikkonfermati llum it-Tlieta 16 ta' Jannar 2024.**

**IFFIRMATA**
______________________
**Scott Camilleri**
*Sindku*

**IFFIRMATA**
______________________
**Jordy Brincat**
*Segretarju Eżekuttiv*